DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

16 ta’ Ġunju 2021*

“Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Politika ekonomika u monetarja – Regolament (UE) Nru 1024/2013 – Artikolu 18(1) – Superviżjoni prudenzjali ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu – Kompiti speċifiċi fdati lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) – Impożizzjoni ta’ sanzjoni pekunjarja amministrattiva għall-ksur tar-rekwiżiti prudenzjali – Regolament (UE) Nru 575/2013 – Artikolu 26(3) – Rekwiżiti ta’ fondi proprji – Strumenti kapitali – Ħruġ ta’ azzjonijiet ordinarji – Klassifikazzjoni bħala elementi ta’ ekwità komuni tal-grad 1 (CET 1) – Assenza ta’ awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti – Ksur b’negliġenza”

Fil-Kawżi magħquda C-456/20 P sa C-458/20 P,

li għandhom bħala suġġett tliet appelli skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentati fil-21 ta’ Settembru 2020,

Crédit agricole SA, stabbilita f’Montrouge (Franza) (C-456/20 P),

Crédit agricole Corporate and Investment Bank, stabbilita f’Montrouge (Franza) (C-457/20 P),

CA Consumer Finance, stabbilita f’Massy (Franza) (C-458/20 P),

appellanti,

irrappreżentati minn A. Champsaur u A. Delors, avocats,

il-parti l-oħra fil-proċedura li hija:

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), irrappreżentat minn C. Hernández Saseta, A. Pizzolla u D. Segoin, bħala aġenti,

konvenut fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, E. Regan (Relatur), President tal-Ħames Awla, u I. Jarukaitis, Imħallef,

Avukat Ġenerali: J. Kokott

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li l-kawża tinqata' permezz ta' digriet motivat, konformement mal-Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

tagħti l-preżenti

Digriet

1 Permezz tal-appelli tagħhom, Crédit agricole SA (C-456/20 P), Crédit agricole Corporate and Investment Bank (C-457/20 P) u CA Consumer Finance (C-458/20 P) jitolbu l-annullament tas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-8 ta' Lulju 2020, rispettivament, Crédit agricole vs BĊE (T-576/18, iktar 'il quddiem l-"ewwel sentenza appellata", EU:T:2020:304), Crédit agricole Corporate and Investment Bank vs BĊE (T-577/18, iktar 'il quddiem it-"tieni sentenza appellata", mhux ippubblikata, EU:T:2020:305), u CA Consumer vs BĊE (T-578/18, iktar 'il quddiem it-"tielet sentenza appellata", mhux ippubblikata, EU:T:2020:306) (iktar 'il quddiem, flimkien, is-"sentenzi appellati"), li permezz tagħhom din ċaħdet ir-rikorsi tagħhom intiżi għall-annullament tad-Deċiżjonijiet ECB/SSM/2018-FRCAG-75, ECB/SSM/2018-FRCAG-76 u ECB/SSM/2018-FRCAG-77 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), tas-16 ta' Lulju 2018 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet kontenzjużi"), meħuda skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63), u li jimponu fuqhom sanzjoni pekunarja amministrattiva ta' ammont, rispettivament, ta' EUR 4 300 000, EUR 300 000 u EUR 200 000 minħabba ksur kontinwu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji previsti fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 68, fil-ĠU 2013, L 321, p. 6 u fil-ĠU 2017, L 20, p. 2).

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament Nru 575/2013

2 Fit-tieni parti, dwar il-"Fondi proprji", taħt it-Titolu I, intitolat "Elementi ta' fondi proprji", Kapitolu 2, intitolat "Kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1", tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fil-verżjoni preċedenti tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 (ĠU 2019, L 150, p. 1, rettifika fil-ĠU 2021, L 65, p. 61) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 575/2013"), l-Artikolu 26 tiegħu, intitolat "Elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1", kien jipprovdi, fil-paragrafu 3 tiegħu, li:

"L-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw jekk il-ħruġ ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 jissodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28, jew fejn applikabbli, l-Artikolu 29. Rigward ħruġ wara t-28 ta' Ġunju 2013, l-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw l-istrumenti ta' kapital bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 biss wara li jingħata permess mill-awtoritajiet kompetenti, li jistgħu jikkonsultaw lill-[Awtorità Bankarja Ewropea (ABE)].

Għal strumenti ta' kapital, bl-eċċezzjoni tal-għajnuna mill-Istat, li huma approvati bħala eliġibbli li jiġu kklassifikati bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 mill-awtorità kompetenti iżda fejn, fl-opinjoni tal-ABE, il-konformità mal-kriterji fl-Artikolu 28 jew, fejn applikabblil-Artikolu 29, tkun materjalment kumplessa biex tiġi aċċertata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jispjegaw ir-raġunament tagħhom lill-ABE.

Abbażi ta' informazzjoni minn kull awtorità kompetenti, l-ABE għandha tistabbilixxi, iżżomm u tippubblika lista tal-forom kollha ta' strumenti kapitali f'kull Stat Membru li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1. L-ABE għandha tistabbilixxi dik il-lista u tippubblikaha sa 1 ta' Frar 2015 għall-ewwel darba.

[...]"

3 L-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif emendat bir-Regolament Nru 2019/876 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 575/2013 emendat"), applikabbli mis-27 ta' Ġunju 2019, jipprevedi, fil-paragrafu 3 tiegħu, li:

"L-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw jekk il-ħruġ ta' strumenti kapitali jissodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28, jew, fejn applikabbli, l-Artikolu 29. L-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw il-ħruġ tal-istrumenti kapitali bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 biss wara li jingħataw permess mill-awtoritajiet kompetenti.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, istituzzjonijiet jistgħu jikklassifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ħruġ sussegwenti ta' forma ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 li għalihom ikunu diġà rċevew din l-awtorizzazzjoni, dment li jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw dak il-ħruġ sussegwenti huma sostanzjalment l-istess bħal dawk id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-ħruġ li għalihom l-istituzzjonijiet ikunu diġà rċevew permess;

(b) l-istituzzjonijiet ikunu nnotifikaw dak il-ħruġ sussegwenti lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien biżżejjed qabel il-klassifikazzjoni tiegħu bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw lill-ABE qabel ma jingħata permess għal forom ġodda ta' strumenti kapitali sabiex jiġu kklassifikati bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu b'mod dovut l-opinjoni tal-ABE u, meta jiddeċiedu li jiddevjaw minnha, għandhom jiktbu lill-ABE fi żmien tliet xhur mid-data ta' meta jirċievu l-opinjoni tal-ABE billi jispjegaw ir-raġunament għad-devjazzjoni mill-opinjoni rilevanti. Dan is-subparagrafu ma għandux japplika għall-istrumenti kapitali msemmija fl-Artikolu 31.

Abbażi ta' informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet kompetenti, l-ABE għandha tistabbilixxi, iżżomm u tippubblika lista tal-forom kollha ta' strumenti kapitali f'kull Stat Membru li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1. Skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU 2010, L 331, p. 12)], l-ABE tista' tiġbor kull informazzjoni b'rabta ma' strumenti ta' Ekwità Komuni ta'

Grad 1 li hija tqis meħtieġa biex tistabbilixxi l-konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28, jew fejn applikabbli, fl-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament u għall-fini li tinżamm u tiġi aġġornata l-lista msemmija f'dan is-subparagrafu.

[…]"

Ir-Regolament Nru 1024/2013

4 Il-Kapitolu III tar-Regolament Nru 1024/2013, intitolat "Setgħat tal-BĊE", jinkludi, b'mod partikolari, it-Taqsima 2, dwar is-"setgħat superviżorji speċifiċi", li tinkludi l-Artikoli 14 sa 18 ta' dan ir-regolament. Skont l-Artikolu 18 tal-imsemmi regolament, intitolat "Penali amministrattivi":

"1. Għall-fini tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, meta istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpaniji holding finanzjarji, jew kumpaniji holding finanzjarji mħallta, b'mod intenzjonali jew, b'negliġenza, jiksru rekwiżit skont atti rilevanti tad-dritt tal-Unjoni li fir-rigward tagħhom għandu jkun hemm disponibbli penali pekunjarji amministrattivi għall-awtoritajiet kompetenti skont id-dritt rilevanti tal-Unjoni, il-BĊE jista' jimponi sanzjonijiet amministrattivi pekunjarji sa darbtejn l-ammont tal-profitt miksub jew it-telf evitat minħabba ksur meta dawn jistgħu jiġu ddeterminati, jew sa 10 % tal-fatturat annwali totali, kif definit fid-dritt rilevanti tal-Unjoni, ta' persuna ġuridika fis-sena ta' negozju preċedenti jew tali penali pekunarji oħrajn kif jista' jiġi previst fil-liġi rilevanti tal-Unjoni.

[…]

3. Il-penali applikati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. […]

[…]"

Il-fatti li wasslu għall-kawża

5 Permezz tad-deċiżjonijiet kontenzjużi, il-BĊE impona fuq kull waħda mill-appellanti, istituzzjonijiet ta' kreditu suġġetti għas-superviżjoni prudenzjali diretta tiegħu, sanzjoni pekunjarja amministrattiva, skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1024/2013, talli wettqu, tal-inqas b'negliġenza, ksur tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013, billi kklassifikaw fl-istrumenti ta' ekwità komuni tal-grad 1 tagħhom (iktar 'il quddiem l-"istrumenti CET 1") strumenti kapitali li jirriżultaw minn diversi istanzi ta' ħruġ ta' azzjonijiet ordinarji (iktar 'il quddiem l-"istanzi ta' ħruġ kontenzjużi"), mingħajr ma kisbu l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti.

6 F'dan ir-rigward, il-BĊE ċaħad, b'mod partikolari, l-argument tal-appellanti fis-sens li l-azzjonijiet ordinarji kienu inklużi fil-lista ppubblikata mill-ABE, skont it-tielet subparagrafu ta' dan l-artikolu (iktar 'il quddiem il-"lista ppubblikata mill-ABE"). Huwa qies, essenzjalment, li l-preżenza ta' strument f'din il-lista ma kinitx teżenta lil istituzzjoni ta' kreditu milli tikseb awtorizzazzjoni minn qabel mingħand l-awtorità kompetenti skont l-ewwel subparagrafu tal-imsemmi Artikolu 26(3).

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenzi appellati

7 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-25 ta' Settembru 2018, kull waħda mill-appellanti ppreżentat rikors intiż għall-annullament ta' dik id-deċiżjoni kontenzjuża li kienet tikkonċernaha.

8 Insostenn tar-rikors tagħhom, l-appellanti ressqu żewġ motivi. L-ewwel motiv, ippreżentat bħala bbażat fuq eċċess ta' poter, kien maqsum fi tliet partijiet. L-ewwel parti kienet ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013. It-tieni parti kienet ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1024/2013 u tal-prinċipju ta' ċertezza legali. It-tielet parti kienet tirrigwarda l-proporzjonalità tas-sanzjoni pekunjarja amministrattiva li ġiet imposta fuqhom. It-tieni motiv kien ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal smigħ.

9 Permezz tas-sentenzi appellati, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dawn il-motivi sa fejn kienu intiżi li jikkontestaw il-legalità tad-deċiżjonijiet kontenzjużi billi dawn sabu li l-appellanti kienu kisru l-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013.

10 Min-naħa l-oħra, meta eżaminat, b'mod preliminari u *ex officio*, l-osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward tas-sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi imposti skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1024/2013, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, b'mod partikolari fil-punti 144 u 156 tal-ewwel sentenza appellata, fil-punti 127 u 139 tat-tieni sentenza appellata kif ukoll fil-punti 130 u 141 tat-tielet sentenza appellata, li l-imsemmija deċiżjonijiet kienu, f'dan ir-rigward, ivvizzjati b'insuffiċjenza ta' motivazzjoni, minħabba, essenzjalment, l-assenza ta' preċiżazzjonijiet, f'dawn tal-aħħar, dwar il-metodoloġija applikata sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-imsemmija sanzjonijiet. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali qieset li s-sanzjonijiet kellhom jiġu annullati mingħajr ma kien hemm bżonn li tingħata deċiżjoni fuq l-argumenti tal-appellanti, ibbażati, b'mod partikolari, fuq il-fatt li dawn is-sanzjonijiet kienu jmorru kontra l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' proporzjonalità.

11 Peress li qieset, fil-punt 157 tal-ewwel sentenza appellata, fil-punt 140 tat-tieni sentenza appellata u fil-punt 142 tat-tielet sentenza appellata, li l-evalwazzjonijiet imwettqa mill-BĊE dwar l-ammonti tas-sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi kienu separabbli mill-kumplament tad-deċiżjonijiet kontenzjużi, il-Qorti Ġenerali, għalhekk, minn naħa, annullat, fil-punt 1 tad-dispożittiv ta' dawn is-sentenzi, dawn id-deċiżjonijiet kontenzjużi sa fejn imponew fuq l-appellanti tali sanzjoni u, min-naħa l-oħra, ċaħdet, fil-punt 2 ta' dan id-dispożittiv, il-kumplament tar-rikors.

It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

12 Permezz tal-appelli tagħhom, kull waħda mill-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla l-punt 2 tad-dispożittiv ta' dik is-sentenzi appellata li tikkonċernaha;

– tilqa' r-rikors tagħha fl-ewwel istanza, u

– tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż kollha.

13 Il-BĊE jitlob li l-appelli jiġu miċħuda u li l-appellanti jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

14 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Ottubru 2020, il-Kawżi C-456/20 sa C-458/20 ġew magħquda għall-finijiet tal-fażijiet bil-miktub u orali tal-proċedura kif ukoll tas-sentenza.

Fuq l-appelli

15 Skont l-Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun, kompletament jew parzjalment, manifestament inammissibbli jew manifestament infondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, fuq proposta tal-Imħallef Relatur u wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi li tiċħad dan l-appell, kompletament jew parzjalment, permezz ta' digriet motivat.

16 Hemm lok li din id-dispożizzjoni tiġi applikata fil-kuntest ta' dawn l-appelli.

Fuq l-ewwel aggravju fil-Kawża C-456/20 P

Fuq l-ewwel parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

17 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tagħha, Crédit agricole issostni li, billi qieset li hija kienet wettqet ksur fir-rigward tat-tieni trimestru tas-sena 2016 dwar l-ewwel żewġ istanzi ta' ħruġ kontenzjużi, imwettqa fit-23 ta' Ġunju u fit-12 ta' Novembru 2015, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013 li hija stess stabbilixxiet fil-punti 41 sa 63 tal-ewwel sentenza appellata, li tgħid li istituzzjoni ta' kreditu tista' tikklassifika strument kapitali fost l-istrumenti CET 1 meta hija tkun kisbet minn qabel l-awtorizzazzjoni f'dan is-sens mill-awtorità kompetenti.

18 Fil-fatt, Crédit agricole kisbet, fis-26 ta' Lulju 2016, l-awtorizzazzjoni tal-BĊE sabiex dawn iż-żewġ istanzi ta' ħruġ kontenzjużi jiġu kklassifikati bħala strumenti CET 1. Issa, l-imsemmija istanzi ta' ħruġ, li ġew ikklassifikati bħala tali fit-30 ta' Ġunju 2016 fid-dikjarazzjoni trimestrali kkonsolidata tagħha dwar il-fondi proprji u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kif ukoll fil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni tagħha marbuta tat-tielet pilastru, ġew ikkomunikati lill-BĊE u ppubblikati fit-12 ta' Awwissu 2016. Għaldaqstant, hija ma tista' tiġi akkużata b'ebda ksur.

19 Il-BĊE jsostni li dan l-argument huwa ineffettiv u, fi kwalunkwe każ, infondat.

– *L-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

20 Mill-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mill-Artikolu 168(1)(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkritikati tas-sentenza li l-annullament tagħha jkun qiegħed jintalab kif ukoll l-argumenti ta' liġi li jissostanzjaw b'mod speċifiku din it-talba, taħt piena ta' inammissibbiltà tal-appell jew tal-aggravju kkonċernat (sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs L-Italja *et*, C-425/19 P, EU:C:2021:154, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat li, fil-punt 92 tal-ewwel sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li t-tliet istanzi ta' ħruġ kontenzjużi kienu ġew ikklassifikati bħala strumenti CET 1, għat-tieni trimestru tas-sena 2016, fit-30 ta' Ġunju 2016 u, għaldaqstant, qabel ma l-BĊE jawtorizza tali klassifikazzjoni, fis-26 ta' Lulju 2016.

22 Issa, permezz ta' dan l-argument insostenn tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tagħha, Crédit agricole, filwaqt li indikat b'mod espliċitu li din il-klassifikazzjoni fil-fatt seħħet fit-30 ta' Ġunju 2016, tissuġġerixxi li d-data rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk kisritx l-obbligu li tinkiseb l-awtorizzazzjoni minn qabel prevista fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013 ma hijiex dik tat-30 ta' Ġunju 2016, iżda dik tat-12 ta' Awwissu 2016, li tikkorrispondi għall-komunikazzjoni tal-imsemmija klassifikazzjoni lill-BĊE u għall-pubblikazzjoni tagħha.

23 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li Crédit agricole bl-ebda mod ma tispjega kif il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi f'dan ir-rigward, meta ħadet inkunsiderazzjoni, fil-punt 92 tal-ewwel sentenza appellata, id-data tat-30 ta' Ġunju 2016 għall-finijiet tal-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' ksur ta' din id-dispożizzjoni.

24 Konsegwentement, l-ewwel parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-456/20 P għandha tiġi miċħuda bħala manifestament inammissibbli.

Fuq it-tieni parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

25 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju tagħha, Crédit agricole issostni li, billi kkonstatat li hija kienet wettqet ksur fir-rigward tat-tieni trimestru tas-sena 2016, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi li jikkonsisti fil-ksur tal-prinċipju ta' retroattività tal-liġi kriminali l-iktar favorevoli, stabbilit fit-tielet sentenza tal-Artikolu 49(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, peress li eskludiet l-applikazzjoni tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013 emendat sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' ksur li tikkonċerna t-tielet istanza ta' ħruġ kontenzjuża, imwettqa fil-21 ta' Ġunju 2016. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni l-ġdida tikkostitwixxi liġi kriminali inqas severa, peress li tipprevedi, permezz tal-osservanza ta' ċerti kundizzjonijiet, li l-istanzi ta' ħruġ sussegwenti li għandhom l-istess termini bħall-istanzi ta' ħruġ diġà awtorizzati ma humiex iktar suġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel, iżda għal sempliċi komunikazzjoni.

26 Issa, f'dan il-każ, it-tielet istanza ta' ħruġ kontenzjuża tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013 emendat, peress li din l-istanza ta' ħruġ hija rregolata mill-istess dispożizzjonijiet bħall-ewwel żewġ istanzi ta' ħruġ kontenzjużi, li għalihom kienet inkisbet awtorizzazzjoni ta' klassifikazzjoni bħala strumenti CET 1 fis-26 ta' Lulju 2016, u peress li t-termini ta' din it-tielet istanza ta' ħruġ kienu ġew ikkomunikati lill-BĊE fit-22 ta' Ġunju 2016, jiġifieri kważi xahrejn qabel il-klassifikazzjoni ta' din l-istanza ta' ħruġ bħala strument CET 1, fit-12 ta' Awwissu 2016.

27 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat, fil-punt 72 tal-ewwel sentenza appellata, li l-prinċipju ta' retroattività tal-liġi kriminali l-iktar favorevoli ma huwiex rilevanti għall-istħarriġ tal-legalità ta' att li ġie adottat qabel l-emenda tal-kuntest ġuridiku. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li, jekk il-liġi kriminali fis-seħħ fil-mument tat-twettiq tar-reat u l-liġijiet kriminali sussegwenti adottati qabel l-għoti ta'

sentenza definittiva jkunu differenti, il-qorti għandha tapplika dik li d-dispożizzjonijiet tagħha huma l-iktar favorevoli għall-akkużat (Qorti EDB, 18 ta' Lulju 2013, Maktouf u Damjanović vs Bosnija-Ħerzegovina, ECHR:2013:0718JUD 000231208, punt 65). Għaldaqstant, sa fejn is-sanzjoni ma kinitx definittiva fl-istadju tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, din tal-aħħar kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-imsemmija emenda, peress li din kellha l-effett li telimina n-natura ta' ksur tal-fatti allegati fir-rigward tat-tielet istanza ta' ħruġ kontenzjuża u għalhekk li tostakola l-impożizzjoni ta' sanzjoni.

28 Il-BĊE iqis li dawn l-argumenti huma infondati.

– *L-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

29 Għandu jitfakkar, bħalma għamlet il-Qorti Ġenerali fil-punti 69 u 70 tal-ewwel sentenza appellata, li l-prinċipju ta' retroattività tal-liġi kriminali l-iktar favorevoli jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Marzu 2008, Jager, C-420/06, EU:C:2008:152, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata), li issa huwa stabbilit fit-tielet sentenza tal-Artikolu 49(1) tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Clergeau *et*, C-115/17, EU:C:2018:651, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 F'dan il-każ, huwa paċifiku li, fil-mument li fih Crédit agricole wettqet il-klassifikazzjoni tat-tielet istanza ta' ħruġ kontenzjuża bħala strument CET 1, hija ma kinitx kisbet l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti meħtieġa mill-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013, applikabbli fil-mument tal-fatti, jiġifieri awtorizzazzjoni minn qabel speċifika għall-klassifikazzjoni bħala tali ta' din it-tielet istanza ta' ħruġ, peress li din l-awtorizzazzjoni ngħatat sussegwentement, fid-29 ta' Awwissu 2016, b'tali mod li l-BĊE qies ġustament li din l-appellanti kienet wettqet ksur ta' din id-dispożizzjoni.

31 Madankollu huwa minnu, kif barra minn hekk ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 67 tal-ewwel sentenza appellata, li l-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013 ġie emendat mil-leġiżlatur tal-Unjoni matul il-proċedura fl-ewwel istanza.

32 Fil-fatt, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013 emendat issa jipprevedi li, b'deroga mir-regola stabbilita fl-ewwel subparagrafu ta' din id-dispożizzjoni, li tistabbilixxi l-prinċipju li jgħid li l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiksbu awtorizzazzjoni minn qabel sabiex jikklassifikaw istanzi ta' ħruġ ta' strumenti kapitali bħala strumenti CET 1, dawn l-istituzzjonijiet jistgħu jikklassifikaw bħala tali l-istanzi ta' ħruġ sussegwenti fil-forma ta' strumenti CET 1 li għalihom huma diġà rċevew din l-awtorizzazzjoni, sakemm, minn naħa, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw dawn l-istanzi ta' ħruġ sussegwenti jkunu essenzjalment identiċi għal dawk li jirregolaw l-istanzi ta' ħruġ li għalihom diġà ngħatat awtorizzazzjoni u, min-naħa l-oħra, l-imsemmija istituzzjonijiet ikunu kkomunikaw dawn l-istanzi ta' ħruġ sussegwenti lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien biżżejjed qabel ma tikklassifikahom bħala strumenti CET 1.

33 Issa, għandu jiġi kkonstatat li Crédit agricole, permezz tal-argument li hija tiżviluppa insostenn tat-tieni parti tal-ewwel aggravju tagħha, tibbaża ruħha fuq premessa żbaljata, jiġifieri li hija kienet diġà rċeviet, konformement ma' din id-dispożizzjoni l-ġdida, l-awtorizzazzjoni li tikklassifika bħala strument CET 1 l-ewwel żewġ istanzi ta' ħruġ kontenzjużi fil-mument meta t-tielet istanza ta' ħruġ kontenzjuża ġiet ikklassifikata bħala tali, fil-fehma tagħha, fit-12 ta' Awwissu 2016.

34 Fil-fatt, din il-premessa, li tikkontradixxi d-dikjarazzjonijiet stess magħmula minn Crédit agricole insostenn tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tagħha, kif jirriżultaw mill-punt 18 ta' dan id-digriet, li jikkonċerna d-data ta' din l-aħħar klassifikazzjoni, għandha, għall-istess raġunijiet mogħtija fil-punti 21 sa 24 ta' dan id-digriet, tiġi miċħuda, peress li din l-appellanti lanqas ma tispjega, fil-kuntest ta' din il-parti, kif il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 92 tal-ewwel sentenza appellata, li l-imsemmija klassifikazzjoni kienet seħħet, fir-rigward tat-tieni trimestru tas-sena 2016, fit-30 ta' Ġunju 2016.

35 Issa, huwa paċifiku li, f'din l-aħħar data, Crédit agricole ma kinitx irċeviet l-awtorizzazzjoni li tikklassifika l-ewwel żewġ istanzi ta' ħruġ ikkontestati bħala strumenti CET 1, peress li din l-awtorizzazzjoni ngħatatilha sussegwentement, fis-26 ta' Lulju 2016.

36 B'hekk jidher li Crédit agricole, fi kwalunkwe każ, ma osservatx l-obbligu li tikseb awtorizzazzjoni minn qabel, previst kemm fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013, applikabbli fil-mument tal-fatti, kif ukoll fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013 emendat, li daħal fis-seħħ matul l-istanza quddiem il-Qorti Ġenerali, u b'hekk ivvizzjat b'mod irrimedjabbli l-klassifikazzjoni tal-istanzi ta' ħruġ kontenzjużi kollha, irrispettivament mid-dispożizzjoni applikabbli *ratione temporis*.

37 Għaldaqstant, it-tieni parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-456/20 P għandha tiġi miċħuda bħala manifestament infondata u, għaldaqstant, dan l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq it-tieni aggravju fil-Kawża C-456/20 P kif ukoll fuq l-ewwel aggravji fil-Kawżi C-457/20 P u C-458/20 P

Fuq l-ewwel parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

38 Permezz tal-ewwel parti ta' dawn l-aggravji, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, fil-punti 119, 121 u 122 tal-ewwel sentenza appellata, fil-punti 102, 104 u 105 tat-tieni sentenza appellata kif ukoll fil-punti 106, 108 u 109 tat-tielet sentenza appellata, billi naqset milli twieġeb għall-motiv ibbażat fuq il-ksur, mill-BĊE, tal-prinċipju ta' ċertezza legali, għar-raġuni li kien neċessarju għaliha li l-ewwel nett tifhem il-motivi tad-deċiżjonijiet kontenzjużi u, għaldaqstant, li teżamina jekk dawn kinux suffiċjentement motivati. Fil-fatt, l-osservanza ta' dan il-prinċipju hija indipendenti mill-osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni, peress li l-imsemmi prinċipju jeżiġi biss l-eżistenza ta' bażi legali ċara għall-impożizzjoni tas-sanzjoni. Ma huwiex neċessarju, f'dan ir-rigward, li jinftiehmu l-motivi li wasslu lill-BĊE sabiex jadotta din is-sanzjoni u sabiex jiffissa l-ammont tagħha.

39 Il-BĊE jqis li din l-argument huwa infondat.

– *L-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

40 Għandu jitfakkar li, kif diġà ġie indikat fil-punti 10 u 11 ta' dan id-digriet, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjonijiet kontenzjużi minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjoni, sa fejn dawn kienu jimponu sanzjoni pekunjarja amministrattiva fuq kull waħda mill-appellanti.

41 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali iddeċidiet ġustament, fil-punt 156 tal-ewwel sentenza appellata, fil-punt 139 tat-tieni sentenza appellata u fil-punt 141 tat-tielet sentenza appellata, li ma kienx iktar neċessarju li jiġu eżaminati l-argumenti l-oħra invokati mill-appellanti, fosthom dak ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

42 Fil-fatt, huwa paċifiku li dan l-argument, kif jirriżulta mill-punt 119 tal-ewwel sentenza appellata, mill-punt 102 tat-tieni sentenza appellata u mill-punt 106 tat-tielet sentenza appellata, kien invokat biss minn dawn tal-aħħar sabiex jikkontestaw il-legalità tal-ammont tas-sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi imposti mill-BĊE fid-deċiżjonijiet kontenzjużi.

43 Peress li l-Qorti Ġenerali annullat dawn id-deċiżjonijiet minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjoni sa fejn kienu jimponu tali sanzjonijiet, il-ksur eventwali tal-prinċipju ta' ċertezza legali ma setax, għaldaqstant, ikollu effett fuq il-portata tal-annullament tal-imsemmija deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali, peress li l-argument ibbażat fuq il-ksur ta' dan il-prinċipju sar għalhekk ineffettiv. Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali ma kinitx iktar obbligata tirrispondi għall-motiv ibbażat fuq il-ksur, mill-BĊE, tal-imsemmi prinċipju.

44 Konsegwentement, l-ewwel parti tat-tieni aggravju fil-Kawża C-456/20 P kif ukoll tal-ewwel aggravji fil-Kawżi C-457/20 P u C-458/20 P għandha tiġi miċħuda bħala manifestament infondata.

Fuq it-tieni parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

45 Permezz tat-tieni parti tal-imsemmija aggravji, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet, fil-punti 47, 49, 88, 89, 94 u 95 tal-ewwel sentenza appellata kif ukoll fil-punti 44, 74, 75, 81 u 72 tat-tieni u tat-tielet sentenza appellata, in-natura ambigwa tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013. Din l-assenza ta' ċarezza tqajmet ukoll mill-ABE f'avviż imqiegħed online fuq is-sit internet tagħha fit-23 ta' Mejju 2017 fil-kuntest tar-reviżjoni ta' dan ir-regolament. Il-leġiżlatur tal-Unjoni għalhekk qies li kien hemm bżonn li dan l-Artikolu 26(3) jiġi emendat.

46 Issa, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif tirriżulta, b'mod partikolari, mis-sentenza tat-12 ta' Diċembru 1990, Vandemoortele vs Il-Kummissjoni (C-172/89, EU:C:1990:457, punt 9), sanzjoni, anki ta' natura mhux kriminali, tista' tiġi imposta biss jekk tkun ibbażata fuq bażi legali ċara u mhux ambigwa. Peress li l-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013 ma kienx jikkostitwixxi bażi legali ċara u mhux ambigwa, il-BĊE ma setax, konsegwentement, jikkonstata l-eżistenza ta' ksur ta' din id-dispożizzjoni mingħajr ma jikser il-prinċipju ta' ċertezza legali. Għaldaqstant, għal din ir-raġuni, id-deċiżjonijiet ikkontestati għandhom jiġu annullati.

47 Il-BĊE jqis li dan l-argument huwa infondat.

– *L-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

48 Sa fejn l-appellanti għandhom l-intenzjoni, permezz tal-argument ippreżentat insostenn tat-tieni parti ta' dawn l-aggravji, li jikkritikaw lill-BĊE talli kiser il-prinċipju ta' ċertezza legali meta kkonstata, fid-deċiżjonijiet kontenzjużi, ksur tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013, minkejja n-natura ambigwa ta' din il-bażi legali, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza msemmija fil-punt 20 ta' dan id-digriet, aggravju ta' appell għandu, taħt piena ta' inammissibbiltà, ikun intiż għall-annullament mhux tad-deċiżjoni kkontestata fl-ewwel istanza, iżda tas-sentenza li l-annullament tagħha jkun qiegħed jintalab, billi jinkludi argument li speċifikament jidentifika l-iżball ta' liġi li allegatament jivvizzja din is-sentenza.

49 Għaldaqstant, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, aggravju li jillimita ruħu li jirriproduċi l-motivi u l-argumenti li diġà ġew ippreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali jikkostitwixxi, fir-realtà, talba intiża sabiex jinkiseb sempliċi eżami mill-ġdid tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, fatt li ma jaqax taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Settembru 2020, L-Awstrija vs Il-Kummissjoni, C-594/18 P, EU:C:2020:742, punt 91 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 Minn dan isegwi li dan l-argument, sa fejn, permezz tiegħu, l-appellanti jikkritikaw lill-BĊE talli kiser il-prinċipju ta' ċertezza legali billi kkonstata, fid-deċiżjonijiet ikkontestati, ksur tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013, ma huwiex ammissibbli fl-istadju ta' dawn l-appelli.

51 Għall-bqija, sa fejn l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali, fil-kuntest ta' din l-istess parti, li hija stess kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali billi ċaħdet l-argumenti tagħhom intiżi li jikkontestaw il-konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013, kif magħmula mill-BĊE, għandu jiġi osservat li l-kritika tagħhom hija bbażata kompletament fuq il-premessa li l-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet, fil-punti tas-sentenzi appellati msemmija fil-punt 45 ta' dan id-digriet, li din id-dispożizzjoni kellha natura ambigwa.

52 Madankollu, din il-premessa hija żbaljata.

53 Qabelxejn, kuntrarjament għal dak li jsostnu l-appellanti, il-Qorti Ġenerali bl-ebda mod ma kkonstatat, fil-punt 47 tal-ewwel sentenza appellata kif ukoll fil-punti 44 tat-tieni u tat-tielet sentenza appellata, li l-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013 kien ambigwu, iżda sempliċement osservat, f'dawn il-punti, bħala osservazzjoni preliminari għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, li l-modalitajiet ta' manifestazzjoni tal-ftehim tal-awtorità kompetenti, imsemmi fiha, sabiex istituzzjoni ta' kreditu tkun tista' tikklassifika l-istrumenti kapitali bħala strumenti CET 1 ma jistgħux jiġu dedotti biss mill-formulazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni.

54 B'applikazzjoni tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, imfakkra fil-punt 45 tal-ewwel sentenza appellata kif ukoll fil-punti 42 tat-tieni u tat-tielet sentenza appellata, li tipprovdi li hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha hija tagħmel parti, il-Qorti Ġenerali, skont interpretazzjoni kuntestwali u teleoloġika tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013, imwettqa fil-punti 51 sa 60 tal-ewwel sentenza appellata kif ukoll fil-punti 48 sa 57 tat-tieni u tat-tielet sentenza appellata, wasslet għall-konklużjoni li tgħid li din id-dispożizzjoni kienet tirrikjedi l-għoti, minn din l-awtorità, ta' awtorizzazzjoni minn qabel, mhux b'mod ġenerali skont il-kategorija ta' strumenti kapitali, kif sostnew l-appellanti, iżda individwalment.

55 Sussegwentement, fil-punti 88 u 89 tal-ewwel sentenza appellata kif ukoll fil-punti 75 u 76 tat-tieni u tat-tielet sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, peress li ma ddeċidietx, f'din il-parti tas-sentenzi appellati, dwar il-legalità tal-ksur imwettaq mill-appellanti fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013, iżda wieġbet għall-argumenti mressqa minn dawn tal-aħħar ibbażati fuq l-assenza ta' negliġenza, fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1024/2013, ma esprimitx ruħha fuq il-formulazzjoni ta' dan l-Artikolu 26(3) iżda fuq il-kontenut ta' klawżola li tinsab fil-lista ppubblikata mill-ABE.

56 Fl-aħħar nett, fil-punti 94 u 95 tal-ewwel sentenza appellata kif ukoll fil-punti 80 u 81 tat-tieni u tat-tielet sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sempliċement ikkonstatat, ukoll fil-kuntest tat-tweġiba tagħha għall-istess argumenti dwar in-natura negliġenti tal-ksur allegat, li ċerti operaturi setgħu jiltaqgħu ma' diffikultajiet ta' interpretazzjoni dwar il-portata tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013.

57 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi enfasizzat li, fil-punti 89 sa 92 u 95 tal-ewwel sentenza appellata kif ukoll fil-punti 75 sa 78 u 81 tat-tieni u tat-tielet sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali esponiet fid-dettall, liema fatt ma jissemmiex mill-appellanti, ir-raġunijiet li għalihom iċ-ċirkustanzi rrilevati fil-punti 55 u 56 ta' dan id-digriet ma kinux ta' natura li jikkontestaw il-konklużjoni li tgħid li qari bir-reqqa tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013 kien jippermetti li jitneħħew l-eventwali diffikultajiet ta' interpretazzjoni kkawżati minn din id-dispożizzjoni, u b'hekk ċaħdet punt b'punt l-argumenti li bihom l-appellanti ppruvaw juru l-assenza ta' negliġenza tagħhom, fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1024/2013.

58 Minn dan isegwi li l-argument tal-appellanti, peress li huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenzi appellati, huwa kompletament infondat.

59 Konsegwentement, it-tieni parti tat-tieni aggravju fil-Kawża C-456/20 P kif ukoll tal-ewwel aggravji fil-Kawżi C-457/20 P u C-458/20 P għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondata. Dawn l-aggravji għandhom, għaldaqstant, jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

Fuq it-tielet aggravju fil-Kawża C-456/20 P kif ukoll fuq it-tieni aggravji fil-Kawżi C-457/20 P u C-458/20 P

L-argumenti tal-partijiet

– Fuq it-tielet aggravju fil-Kawża C-456/20 P, it-tieni aggravju fil-Kawża C-457/20 P u l-ewwel parti tat-tieni aggravju fil-Kawża C-458/20 P

60 Permezz ta' dawn l-aggravji u argumenti, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1024/2013 u l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, billi ma wrietx li huma kienu taw prova ta' negliġenza. Is-sempliċi fatt li l-BĊE u l-Qorti Ġenerali waslu għal interpretazzjoni tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013 li hija differenti minn dik difiża mill-appellanti ma jfissirx li huma kienu negliġenti. Fil-fatt, fil-punti 87 sa 89 u 93 sa 95 tal-ewwel sentenza appellata, kif ukoll fil-punti 73 sa 75 u 79 sa 81 tat-tieni u tat-tielet sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali aċċettat li qari ta' din id-dispożizzjoni li huwa bbażat fuq il-pożizzjoni uffiċjali espressa mill-ABE f'dokument ippubblikat kien ġie applikat minn ċerti awtoritajiet nazzjonali u minn diversi istituzzjonijiet ta' kreditu. Il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet ukoll li parti

mil-lista ppubblikata mill-ABE kienet tali li ssaħħaħ l-interpretazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma stabbilixxietx kif, fiż-żmien meta seħħew il-fatti, l-interpretazzjoni adottata mill-BĊE kienet prevedibbli, meta ma kienet teżisti ebda pożizzjoni ppubblikata, kemm amministrattiva jew ġudizzjarja, li ssostni din l-interpretazzjoni.

61 Il-BĊE jqis li dan l-argument huwa infondat.

– *Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju fil-Kawża C-458/20 P*

62 Permezz tat-tieni parti tat-tieni aggravju tagħha, CA Consumer Finance tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba meta ċaħdet, fil-punt 85 tat-tielet sentenza appellata, l-argument li permezz tiegħu hija kienet enfasizzat, sabiex turi l-assenza ta' negliġenza, in-natura kontradittorja tar-rekwiżiti tal-BĊE u n-natura manifestament irraġonevoli tat-terminu li fih dan kien eżamina l-elementi kkomunikati sabiex tiġi awtorizzata l-klassifikazzjoni tal-istanzi ta' ħruġ kontenzjużi bħala strumenti CET 1.

63 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat li din l-appellanti setgħet tinvoka t-terminu eċċessiv li fih il-BĊE weġibha għall-każ fejn dan tal-aħħar issanzjonaha għal nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti ta' fondi proprji imposti fuq il-grupp Crédit agricole għad-data tat-30 ta' Ġunju 2016, iżda li dan l-istess terminu eċċessiv ma kienx, min-naħa l-oħra, rilevanti sabiex tiġi evalwata l-validità tas-sanzjoni imposta għall-ksur tal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013. Fil-fatt, skont l-imsemmija appellanti, il-BĊE ma setax jimponi rekwiżit ta' osservanza fil-qasam tal-fondi proprji u jdewwem huwa stess l-implimentazzjoni ta' dan ir-rekwiżit billi jieħu seba' xhur sabiex jawtorizza, fl-4 ta' Jannar 2017, il-klassifikazzjoni tal-istanzi ta' ħruġ ikkontestati bħala strumenti CET 1.

64 Il-BĊE jqis li dan l-argument huwa inammissibbli.

L-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

65 Għandu jiġi osservat li, skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1024/2013, il-BĊE, għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti fdati lilu minn dan ir-regolament, jista' jimponi sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi meta istituzzjonijiet ta' kreditu jwettqu, intenzjonalment jew b'negliġenza, ksur ta' rekwiżit li jirriżulta minn atti rilevanti direttament applikabbli tad-dritt tal-Unjoni li fir-rigward tiegħu l-awtoritajiet kompetenti huma awtorizzati jimponu tali sanzjonijiet skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan id-dritt.

66 B'hekk, mill-formulazzjoni stess ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-eżistenza ta' "negliġenza", fis-sens tagħha, min-naħa ta' istituzzjoni ta' kreditu, tikkostitwixxi kundizzjoni tal-impożizzjoni ta' sanzjoni pekunjarja amministrattiva fil-każ ta' ksur tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013.

67 F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li l-Qorti Ġenerali, permezz tas-sentenzi appellati, annullat minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjoni, kif ġie indikat fil-punti 10 sa 11 ta' dan id-digriet, id-deċiżjonijiet kontenzjużi sa fejn dawn imponew sanzjoni pekunjarja amministrattiva fuq kull waħda mill-appellanti, jidher li l-motivi li permezz tagħhom hija ċaħdet, fil-punti 79 sa 96 tal-ewwel sentenza appellata, fil-punti 63 sa 82 tat-tieni sentenza appellata u fil-punti 65 sa 86

tat-tielet sentenza appellata, l-argumenti bbażati, minn dawn l-appellanti, fuq assenza ta' negliġenza, fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1024/2013, għandhom natura superfluwa fir-raġunament tagħha.

68 Issa, l-ilmenti intiżi kontra motivi superfluwi ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' din is-sentenza u għandhom, konsegwentement, jiġu miċħuda bħala ineffettivi (sentenza tat-3 ta' Settembru 2020, achtung! vs EUIPO, C-214/19 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:632, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Konsegwentement, it-tielet aggravju fil-Kawża C-456/20 P kif ukoll it-tieni aggravji fil-Kawżi C-457/20 P u C-458/20 P għandhom jiġu miċħuda bħala ineffettivi.

Fuq ir-raba' aggravju fil-Kawża C-456/20 P kif ukoll fuq it-tielet aggravji fil-Kawżi C-457/20 P u C-458/20 P

Fuq l-ewwel parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

70 Permezz tal-ewwel parti ta' dawn l-aggravji, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, billi naqset milli twieġeb għall-motiv ibbażat fuq il-ksur mill-BĊE tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament.

71 B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat, fil-punt 122 tal-ewwel sentenza appellata kif ukoll fil-punti 109 tat-tieni u tat-tielet sentenza appellata, li, sabiex tkun tista' tiddeċiedi dwar il-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, kien neċessarju, preliminarjament, li teżamina n-natura suffiċjentement motivata tad-deċiżjonijiet kontenzjużi fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ammont tas-sanzjoni imposta. Fil-fatt, il-kwistjoni tan-nuqqas ta' motivazzjoni dwar l-ammont ta' sanzjoni hija indipendenti mill-evalwazzjoni tal-osservanza tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament fil-prinċipju stess tal-impożizzjoni ta' din is-sanzjoni. Barra minn hekk, ir-rikorrenti jenfasizzaw li, fir-replika tagħhom ippreżentata quddiem il-Qorti Ġenerali, huma kkontestaw espliċitament il-fatt stess li tista' tiġi imposta fuqhom sanzjoni pekunjarja amministrattiva, irrispettivament mill-ammont stabbilit, peress li tali sanzjoni ma hijiex neċessarja sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija mir-Regolament Nru 575/2013 u tikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

72 Il-BĊE jqis li din l-argument huwa infondat.

– *L-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

73 Għandu jiġi osservat qabelxejn li, sa fejn, permezz tal-argument żviluppat insostenn tal-ewwel parti ta' dawn l-aggravji, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli ma wiġbitx għall-argumenti tagħhom ibbażati fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala kompletament infondat, peress li tali argument ma tqajjimx fl-ewwel istanza. B'mod partikolari, kuntrarjament għal dak li jissuġġerixxu l-appellanti, tali argument bl-ebda mod ma jidher fir-replika tagħhom ippreżentata quddiem il-Qorti Ġenerali.

74 Għall-bqija, l-argument tar-rikorrenti għandu, għall-istess raġunijiet bħal dawk diġà esposti fil-punti 40 sa 44 ta' dan id-digriet, jiġi miċħud, peress li l-Qorti Ġenerali annullat, minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjoni, id-deċiżjonijiet kontenzjużi sa fejn kienu jimponu sanzjoni pekunjarja amministrattiva fuq kull waħda minnhom.

75 Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ġustament, fil-punt 156 tal-ewwel sentenza appellata, fil-punt 139 tat-tieni sentenza appellata u fil-punt 141 tat-tielet sentenza appellata, li, fid-dawl ta' tali annullament, ma kienx għadu neċessarju li jiġu eżaminati l-argumenti l-oħra, bħal dak ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, invokati mill-appellanti sabiex jikkontestaw l-ammont ta' din is-sanzjoni, peress li dawn b'hekk kienu saru ineffettivi.

76 B'mod partikolari, hemm lok li jiġi enfasizzat, f'dan ir-rigward, li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punti 135 u 136 tal-ewwel sentenza appellata, fil-punti 118 u 119 tat-tieni sentenza appellata kif ukoll fil-punti 122 u 123 tat-tielet sentenza appellata, li, sabiex tkun tista' tistħarreġ jekk is-sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi imposti mid-deċiżjonijiet ikkontestati kinux konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif ukoll mal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1024/2013, li jeżiġi, b'mod partikolari, li s-sanzjoni jkollha natura proporzjonata, kien neċessarju li l-motivazzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet tirrifletti, b'mod suffiċjenti fid-dritt, il-metodoloġija segwita mill-BĊE sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta 'dawn is-sanzjonijiet. Il-Qorti Ġenerali għalhekk iddeċidiet ġustament, fil-punti 121 u 122 tal-ewwel sentenza appellata, fil-punti 104 u 105 tat-tieni sentenza appellata kif ukoll fil-punti 108 u 109 tat-tielet sentenza appellata, li, sabiex tkun tista' teżamina l-kritika tal-appellanti fuq dan il-punt, hija kellha teżamina, preliminarjament, in-natura suffiċjentement motivata ta' dawn id-deċiżjonijiet.

77 Konsegwentement, l-ewwel parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-456/20 P kif ukoll tat-tielet aggravji fil-Kawżi C-457/20 P u C-458/20 P għandhom jiġu miċħuda bħala manifestament infondati.

Fuq it-tieni parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

78 Permezz tat-tieni parti tal-imsemmija aggravji, l-appellanti jilmentaw li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament. Fil-fatt, billi annullat id-deċiżjonijiet kontenzjużi sa fejn kienu imponew fuqhom multa ta' ammont speċifiku u billi ċaħdet il-kumplament tat-talbiet tagħhom, inklużi l-argumenti li jikkontestaw il-prinċipju stess ta' din is-sanzjoni, il-Qorti Ġenerali aċċettat tal-inqas impliċitament li l-imsemmija sanzjoni kienet fondata bħala prinċipju u kienet konformi mal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament. Il-Qorti Ġenerali b'hekk irrifjutat, b'mod partikolari, li teżamina l-każijiet ta' banek oħra li fir-rigward tagħhom il-BĊE adotta interpretazzjoni tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament Nru 575/2013 li kienet konformi ma' dik mogħtija mill-appellanti.

79 Il-BĊE jqis li din l-argument huwa infondat.

– *L-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

80 Għandu jiġi kkonstatat li l-argument tal-appellanti huwa bbażata kompletament fuq il-premessa li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet impliċitament iżda neċessarjament, fis-sentenzi appellati, fuq il-konformità tas-sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi li ġew imposti fuqhom fid-deċiżjonijiet kontenzjużi għal dak li jirrigwarda l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament, billi rrikonoxxiet li dawn is-sanzjonijiet kienu fondati "bħala prinċipju".

81 Issa, għandu jitfakkar li, minn naħa, il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kif ġie osservat fil-punt 73 ta' dan id-digriet, ma ġiex invokat mill-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali u, min-naħa l-oħra, din tal-aħħar annullat id-deċiżjonijiet kontenzjużi minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjoni sa fejn dawn kienu jimponu sanzjoni pekunjarja amministrattiva fuq kull waħda minnhom.

82 Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali ma ddeċidiet, fis-sentenzi appellati, la fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u lanqas fuq dak tal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif barra minn hekk jirriżulta espliċitament, fir-rigward ta' dan l-aħħar prinċipju, mill-punt 156 tal-ewwel sentenza appellata, mill-punt 139 tat-tieni sentenza appellata u mill-punt 141 tat-tielet sentenza appellata.

83 Konsegwentement, it-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-456/20 P kif ukoll tat-tielet aggravji fil-Kawżi C-457/20 P u C-458/20 P għandhom jiġu miċħuda bħala manifestament infondati. Dawn l-aggravji għandhom, għaldaqstant, jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

84 Għaldaqstant, mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li dawn l-appelli għandhom jiġu miċħuda kollha kemm huma bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment, manifestament infondati.

Fuq l-ispejjeż

85 Skont l-Artikolu 137 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) tal-istess regoli, id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż għandha tingħata fid-digriet li jagħlaq l-istanza.

86 Skont l-Artikolu 138(1) tal-imsemmija regoli, applikabbli wkoll għall-proċedura tal-appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-istess regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-BĊE talab għall-kundanna tal-appellanti u dawn tal-aħħar tilfu fl-aggravji tagħhom, hemm lok li jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tordna:

1) **L-appelli huma miċħuda bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondati.**

2) **Crédit agricole SA, Crédit agricole Corporate and Investment Bank u CA Consumer Finance huma kkundannati għall-ispejjeż.**

Firem